Vol. 1 Jannar 1978 Num. 9

Organu tal-"Malta Police Association"
Ippubblikat minn
Associated News (Malta) Ltd.
Stampat fil-Union Press
Editur — Michael Marshall
Bord Editorjali: Alfred Debattista
A. Abela, J. Callejja, D. Cassar
A. Mifsud

# IL-PULIZIJA

## PREZENTAZZJONI TA STANDARDI LILL-PULIZIJA

It-13 ta' Diċembru, 1977 għandu jibqa' jum ta' tifkira għall-Korp tal-Pulizija, għaliex f'din il-ġurnata ġie ppreżentat b'żewġ standardi mill-President tar-Repubblika.

Iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni saret f'Misraħ San Ġorġ, il-Belt Valletta għall-ħabta tal-11 a.m. fejn attendew bosta persuni distinti kif ukoll membri tal-Korp. Hija verament ħasra li għal okkażjoni unika bħal din ma kienx possibbli li jattendi kull membru tal-Korp.

Iċ-ċerimonja bdiet billi Kontinġent tal-Pulizija, li kien jikkonsisti f'żewġ skwadri u l-Banda tal-Pulizija, daħlu f'Misraħ San Ġorġ wara li mmarċjaw minn Triq ir-Repubblika. Mal-wasla tal-Kummissarju tal-Pulizija, dan ġie mogħti 'General Salute' u ftit tal-ħin wara, wasal l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Arċisqof E. Mercieca. Mal-wasla tal-President tar-Repubblika, dan ġie mogħti 'General Salute' u ndaqq l-Innu Malti. Wara li l-President spezzjona l-Kontinġent, tmien 'drummers' poġġew it-tnabar tagħhom f'nofs il-Pjazza. Żewġ Surġenti Maġġuri ħargu mill-Palazz bl-Istandardi mgħottija u wara li ġew mikxufa, tpoġġew mifruxin isserħu fuq it-tnabar f'nofs il-misraħ.

Il-Kummissarju mbagħad talab lill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Arċisqof, li kien akkumpanjat mill-Kappillan tal-Pulizija, Dun Fortunat Cachia, biex jitlob il-barka t'Alla tinżel fuq l-istandardi. Wara li dawn ġew imbierka, il-Kummissarju talab lill-President tar-Repubblika biex jippreżenta l-Istandardi. Il-President qabel ippreżenta l-Istandardi qal: "Hija x-xewqa tiegħi li l-Pulizija żżomm il-ġieħ taż-żewġ standardi, il-ġieħ tas-servizz tagħhom u l-ġieħ tan-Nazzjon."

Il-President imbagħad ippreżenta ż-żewġ Standardi lil żewġ Spetturi. L-Ispettur D. Balzan ġie ppreżentat bl-Istandard li fih l-arma tal-Pulizija fuq il-kuluri ta' Malta. L-Ispettur A. Abela ġie ppreżentat bl-istandard l-ieħor, jiġifieri, dak tal-Pulizija. Iż-żewġ Spetturi wara ħadu posthom fin-nofs tal-Kontinġent billi mmarċjaw bi 'slow march' fil-waqt li ndaqq l-Innu Malti. Il-President imbagħad ingħata 'Three Cheers' mill-Kontinġent. Fl-aħħarnett il-Kontinġent, bl-Istandardi fin-nofs flimkien ma' l-iskorta ta' l-Istandardi, immarċjaw minn Triq ir-Repubblika.

Tifkira għażiża għall-Korp meta wieħed jiftakar li dawn iż-żewġ Standardi kellhom jiġu ppreżentati minn President ta' Nazzjon li darba serva fil-Korp tal-Pulizija.



L-E.T. Mons. Arcisqof E. Mercieca jbierek l-istandardi. (aktar ritratti f'p 19 u 20)

## EDITORJAL

### IL-KODIĊI KRIMINALI — XEWQA MAQTUGHA

Sabiex tinqata' x-xewqa tal-membri tal-Pulizija u ħafna oħrajn fost il-pubbliku, l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ħadet ħsieb li tippubblika l-Kodiċi Kriminali. Dan il-ktieb huwa ta' ħtieġa kbira għall-Pulizija, għall-Avukati u anke ta' interess għal ħafna oħrajn.

L-istampar u l-preżentazzjoni ta' dan il-ktieb huwa ta' livel tajjeb ħafna u l-qoxra tal-ktieb hija reżistibbli. Dan il-ktieb li huwa stampat bl-Ingliż u bil-Malti huwa emendat sa l-aħħar ta' Novembru, 1976.

Kienet ix-xewqa tagħna li nżommu l-prezz baxx kemm jista' jkun u meta tqis il-kwalita' tal-ktieb kif diġa' ssemma' u l-benefiċċju tiegħu tara li l-prezz hu raġonevoli ħafna.

Hija x-xewqa tagħna li l-membri kollha tal-Korp jkollhom f'idejhom dan il-ktieb għaliex dan mhux qiegħed kif jaħsbu xi wħud għall-ispetturi biss. Dan jgħina fix-xogħol tagħna u jpoġġilna quddiem għajnejna l-passi ta' kif għandna nimxu waqt il-qadi ta' dmirijietna. Dan il-ktieb għandu jżid is-sodisfazzjon li jkun fost il-kotba li wieħed jgħożż.

Għall-pubbliku, dan għandu jservi bħala gwida ta' kif il-Pulizija taqdi d-dmirijiet tagħha u kif jiġi pproteġut iċ-ċittadin. Minn dan il-ktieb, il-pubbliku jsir jaf ħafna reati u l-pieni tagħhom.

**Il-Bord Editorjali.**

## BRITANNIA RESTAURANT

- St. Lucia Street/Republic Street, Valletta.
- English or Continental meals.
- Your dining pleasure is our concern.

Dial 625761

---

# CURIO HOUSE

- Shop full of fascinating antiques, gold, silver, and filigree accessories.

---

## AUSTRALIA CAFE

- Old Theatre Street, Valletta.
- The housewife will benefit by trying our daily made fresh meat and rikotta pies — timpani and cheesecakes.

Dial 24869

## MILL-ASSOCIATION

# Entertainment

Din is-sena l-Association ħadet ħsieb biex l-entertainment li kien isir matul iż-żmien tal-Milied, jiġifieri l-parties għat-tfal tal-membri tal-Korp u l-Ballu, jsiru bħal ma kien qed isir fl-imgħoddi. Is-sena l-oħra dawn ma sarux minħabba xi ċirkostanzi, iżda din is-sena ġie approvat mill-Kummissarju li dawn isiru.

Kull diviżjoni jew sezzjoni ġiet mitluba taħtar rappreżentanti biex jorganizzaw il-parties għat-tfal u l-Association minn naħa tagħha ħatret Entertainment Committee li barra milli ħa ħsieb il-Ballu, ħa ħsieb ukoll li jlaqqa' r-rappreżentanti li għażlu d-diviżjonijiet bl-iskop li l-parties isiru f'dati separati.

Fil-bidu kien hemm il-ħsieb li dawk li ma jixtiequx jattendu għal dawn il-parties, jieħdu sehem f'lotterija li tiġi organizzata mill-Entertainment Committee ta' l-Association. Iżda dan ma sarx u fil-laqgħa tal-Kumitat li saret fis-26 ta' Novembru, 1977 ġie deċiż li dawk li ma jattendux għall-parties jiġu mogħtija flixkun Whisky u jieħdu sehem ukoll f'lotterija. Dan seta jsir għaliex ġie appruvat kemm mill-Kummissarju kif ukoll mill-Association li mill-General Fund tingħata lira għal kull membru tal-Korp u mill-Association Fund jingħata l-istess ammont, għaldaqstant kull membru tal-Korp ġie mogħti jew żewġ liri (dawk li jippreferew party) jew flixkun whisky u peress li dan ma swiex żewġ liri, bid-differenza saret din il-lotterija.

Dwar il-Ballu, din is-sena kien il-ħsieb li jsir mingħajr telf bl-iskop li ma joħorġux flus mill-Association Fund. Għaldaqstant minħabba l-ispejjeż li jinvolvi dan il-Ballu, din is-sena l-prezzijiet tax-xorb kellhom jgħolew għalkemm sar kull sforz biex dawn ma jgħolewx iż-żejjed.

### L-EXTRA

Kif intqal fil-ħarġa tal-magazine ta' Diċembru, waqt l-ewwel laqgħa tal-Kumitat ta' l-Association, il-Kummissarju, fost affarijiet oħra qal li r-roster a' l-Extra għandha tinżamm f'post fejn kull membru tal-Korp ikun jista' jarha.

Kien hemm postijiet fejn dan diġa' beda jsir, iżda peress li dan ma sarx minn kulħadd, l-Association kitbet lill-Kummissarju fejn talbitu sabiex dan jiġi applikat mid-diviżjonijiet u sezzjonijiet kollha. Il-Kummissarju laqgħa din it-talba u ftit ġranet wara ħarġet iċ-ċirkolari dwar l-extra. Hawnhekk nixtiequ nuru l-apprezzament tagħna għaliex qabel ma ħarġet din iċ-ċirkolari, ġew mitluba l-veduti tagħna. Nittamaw li dan jibqa' jsir fil-futur. Fost affarijiet oħra, aħna tlabna sabiex il-Pulizija jitħallsu fl-iqsar żmien possibbli u dan bi pjaċir ninnotaw li ġie milqugħ.

### VACATION LEAVE

Sakemm kien qed jitħejja dan l-artiklu, ma kien għadu ħareġ xejn rigward il-Vacation Leave, iżda huwa ttamat li toħroġ ċirkulari fejn jiġi spjegat kif għandhom japplikaw l-4 ġimgħat leave kif intqal fiċ-ċirkulari OMP 37/77.

---

**PRESS RELEASE maħruġa mid-Dipartiment tal-Informazzjoni nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru, 1977 rigward l-Extra fl-Istadium.**

### ŻIEDA FIL-PREZZ TAD-DĦUL FL-ISTADIUM

Fi stqarrija maħruġa għall-istampa l-Malta Football Association iddikjarat li kellhom jogħlew il-prezzijiet tad-dħul fl-Istadium għal-logħob tal-football minħabba żieda fil-ħlas tal-'extra' tal-Pulizija. Intqal ukoll li fl-istaġun 1976/77 l-ammont ta' ħlas għall-'extra' lill-Pulizija kien ta' £M4,000 u li ż-żieda se ttella' l-figura għall-£M11,000.

Il-fatti huma dawn: L-ispiża li ħallset l-MFA is-sena l-oħra kienet ta' £M3,150 u mhux £M4,000. L-ispiża bir-rati l-ġodda titla' madwar £M6,500 u mhux £M11,000 kif qalet l-MFA.

Wieħed irid jifhem li l-MFA ma tħallasx għall-pulizija kollha li jmorru l-ground, imma tħallas għal mhux aktar minn 40 fil-mija. Jiġifieri jekk il-ground ikun hemm 30 pulizija, l-MFA għal 12 biss tħallas 'extra'. It-18 l-oħra jħallashom il-Gvern. Dan il-Gvern jagħmlu biex jgħin il-football f'Malta. Ħafna drabi jkun hemm iżjed Pulizija maħruġin mill-Gvern u għalhekk il-proporzjon imħallas mill-MFA jonqos. Għeli l-MFA ma ħallsitx aktar minn 25 fil-mija.

Bħalma ġara drabi oħra l-prezz tad-dħul fil-ground għola bla ma ġie mogħti permess mill-Gvern.

Li ma ntqalx fl-istqarrija ta l-MFA huwa illi l-aħħar li ġew riveduti r-rati tal-ħlas tal-pulizija kien fl-1968, meta għollew il-prezz tad-dħul.

Iżda minn dak inhar 'il hawn il-prezz tad-dħul għola aktar minn darba waqt li r-rati tal-ħlas tal-Pulizija m'għolew qatt.

---

# MUTUAL HELP ASSOCIATION

Il-kontribuzzjonijiet tal-Mutual Help Association tax-xahar ta' Jannar, 1978, kienu għall-familji ta' l-imsemmija ex-membri tal-Korp:—



Ex-Kuntistabbli
Nru 277 Leone Zammit



Ex-Kuntistabbli
Nru 111 Anthony Buttigieg

St Michael®

ALL KINDS OF WEARING APPAREL FOR LADIES, MEN AND CHILDREN AS WELL AS CARPETS, BED SHEETS, CURTAINS, TOWELS, ETC

FROM THE "ST. MICHAEL" SHOPS AT

## THE STRAND, SLIEMA

AND

## THE PALACE SQR., VALLETTA

A WIDE RANGE OF FOODSTUFFS AND OTHER HOUSEHOLD GOODS FROM:

## ST. MICHAEL'S SUPERMARKET

THE STRAND, SLIEMA

AND

## ST. MICHAEL MINI MART

PIONEER ROAD, BUGIBBA

SLIEMA 31745 VALLETTA 624304

# Drug Abuse by Alan Jackson, RAF Drug Squad



In today's society, where drugs are becoming more and more acepted as a part of the social way of life, it is important for the Police Officer to be able to recognise both the drug abuser and the drugs themselves. In previous articles we have discussed the various drugs of abuse, the signs and symptons of their abuse, and the associated withdrawal symptoms; however, the search for, and recognitoin of the drugs themselves is probably the most difficult problem that he is faced with.

There are many ways in which a drug abuser may come into contact with the Police. The Police Oficer may well find drugs, or evidence of their use, during a routine check or in the course of an arrest for a totally unconnected offence. He may actually see a person taking drugs or find evidence of unusual behaviour, indicative of the use. In each of these cases it is necessary for him to establish a number of points:—

a. Does the suspect have drugs in his possession?

b. What are the drugs and where did they come from?

c. Is the possession of the drugs legal or not?

d. Has the suspect taken doses of the drug(s)?

## METHODS OF HIDING OR DISGUISING DRUGS

Very often — from the criminals point of view — the best hiding place proves to be the simplest. Instead of hollowing out the heel of his shoe he will carry the drugs in the toe of his shoe. One popular way to carry drugs is to keep them in an old prescription bottle, in consequence, bottles with worn or dirty labels should be treated with caution. Amongst the many hiding places commonly used are the bottom of cigarette packets, the cigarettes are cut short and to the casual glance the packet apears normal. Drugs may also be found in fountain pens, cigarette lighters, torches, toothpaste and lipstick tubes from which the original contents have been completely or partially removed. Tables and capsules may be folded into letters, handkerchiefs, personal papers, books or newspapers. Occasionally drugs may be dissolved in innocent looking liquids.

There are literally thousands of drugs on the market. Some require a prescription, but many do not. Prescription drugs can normally only be obtained from a Pharmacy, however some doctors, especially those in isolated areas, often dispense drugs direct to their patients, rather than issue prescriptions.

If a person who is found in possession of drugs states that he has them legally, for the treatment of a medical condition, questions similar to the following will quickly confirm or invalidate his story.

a. Doctors name. This should appear on the prescription label and can be verified by contacting the doctor concerned.

b. Name of Pharmacy.

c. Prescription date. Record of issue will be held by the Pharmacist.

d. Dosage. Check the number of tablets/capsules, or amount of liquid in the bottle against the amount and dosage issued.

e. Is the medicine/tablets the same as the one prescribed, or is the bottle merely being used to transport another drug. Check with the Pharmacist or have analysed.

In Malta, all Controlled Drugs prescribed by a Doctor are entered daily in a Register, showing the doctors name, the drug prescribed and the amount issued. The container itself is labelled, showing the name of the drug, the date issued. The amount issued and the Pharmacists name and address.

It is of the greatest importance that a Police Officer be sure of himself before taking a drug from a suspect. This is particularly true if the suspect is to be detained in cells. It is possible that the drug could be vital to the suspects health and possibly his life, i.e. Insulin for the diabetic, nitroglycerine tablets for a person suffering with heart trouble. If there is any doubt in the Police Officers mind, the suspect should be medically examined at the earliest opportunity.

## THE DRUG ABUSER IN CONFINEMENT

Special precautions are necessary for jailed drug abusers. To the drug abuser, (particularly the Narcotic abuser or addict) the most important thing in the world is his need for the drug and he will go to extraordinary lengths to satisfy his craving. Anything sent to him from 'outside' must be examined and contact with visitors must be supervised. Once a drug abuser establishes a source of supply, he may spread drugs through the confinement area.

Following the arrest of a person, known to be, or suspected of abusing or carrying drugs a 'skin-search' is necessary. The drug abuser is generally very skilful in concealing his supplies. Two officers should be present for the search. The suspect's clothing should be carefully searched and his entire body surface examined, including the soles of the feet, hair, ampits and inside the prisoners mouth. A doctor will be required to search all body openings and any surgical dressings which the prisoner or suspect may have.

Drug abusers often conceal their supplies within body opening, including the sinus passages of the nose and one of the commonest methods is to swallow the drugs whilst they are contained within a balloon for later recovery. To date the record for the amount of drugs carried at one time in this way stands at 55 balloons containing a total of 3½ lbs of Heroin.

## A WORD OF WARNING

If a person arrested for possession of drugs needs them, (for medical reasons) — make sure he gets them.

If he doesn't — make sure he **can't** get them.

# TIP TOP

**FGURA, VALLETTA, RABAT, MOSTA**

- PORTABLE TV'S
- RADIOGRAMMES
- CALCULATORS
- RADIOS
- RADIO CASSETTES
- TAPE RECORDERS
- FANS
- AND LOTS MORE

# TIP TOP

*your first and last choice*


IL-FORESTA
Ta'Qali's 3 major landmarks
SPORTS CENTRE
Ta' Qali, a disused warfield, has spawned three major landmarks. There's the Crafts Village visited by thousands of tourists, the Sports Pavilion which is used by thousands of sports enthusiasts, and now IL-FORESTA, the favoured restaurant nightclub of a huge number of people.
IL-FORESTA has proved an instant success not only on account of its warm atmosphere but also because it happens to be one of the best restaurants on the island. Dine and dance at
CRAFTS VILLAGE
IL-FORESTA
Make your reservation today.
Telephone 41633.

# Report on the working of the Police Dept. (1.4.76 to 13.8.77)

## *GENERAL REPORT AND SURVEY*

1. During the year under review the Police Force was reorganised and streamlined in order to enhance its effectiveness in the performance of its duties in the maintenance of the public good order and peace and the enforcement of all the laws of the Republic with which the Force is charged. Apart from the general task of preserving the law and order, the prevention of crime and investigation of criminal offences in these Islands, the Force was kept fully occupied with a great number of religious festivals and processions, public political meetings and conferences and other events necessitating vehicular and crowd control. On the 17th and 18th September, 1976, the General Elections were held.

2. *Casualties.* During the year under review, 116 personnel ceased to serve in the Malta Police Force due to medical unfitness, retirement on pension, attainment of age limit, resignations etc.

3. Forty-eight (48) Constables were attested into the Malta Police Force after the usual medical and written examinations.

4. *Revenue.* The Revenue collected by the Pollice was £M1,993,746 mainly due to motor-vehicle licences as distinct from other police licences.

5. *Expenditure.* The expenditure of the Force during the period under review, was as follows:— Personal Emoluments £M1,883,038; Recurrent Expenditure £M257,686; Special Expenditure £M39,807.

6. *Crime Prevention and Investigation.* The fight against crime was intensified. The plainclothes section of the Criminal Investigation Department, including the Mobile Squad, continued to give the desired results. Mobile night patrols were increased in order to cover more places where crime is likely to occur. I am satisfied that the Island is adequately coverel by mobile Patrols round the clock. Each vehicle can easily be contacted on the radio network from central base installed at General Police Headquarters. In turn, these mobile cars can equally get in touch with the various Police District Headquarters. The number of solved cases of thefts during the year under review was 292.

Besides the detection of criminal offences in general, another drive was initiated in respect of the cost of living. All efforts were made by the Price Control Police to bring to book all those traders and other businessmen who were committing breaches of the Price Control Regulations.

This same Section, apart from its routine Court prosecutions, has also prosecuted several persons charged with evasion of duty in contravention of the provisions of the Customs Ordinance, besides other offences connected with drugs and the Exchange Control Regulations. Various surprise inspections of business premises have also been carried out at different times by personnel of this Section to prevent the hoarding of essential commodities. The measures taken to prevent crime are bearing the desired fruit.

Appendix 'A' shows comparative tables on offences.

Discipline these last months was satisfactory. 216 defaulters appeared before the Commissioner of Police on disciplinary offences during the period under review, besides other cases which were referred to the Public Service Commission.

7. *The Criminal Records Office.* This uniformed Branch of the Criminal Investigation Department is responsible for issuing, against payment, Certificates of Conduct to members of the public. 17,031 Certificates were issued from which £M4,393,998 were collected during the period under review. Criminal Offences:— 8,533 criminal offences were prosecuted by the Police. There were 1,105 released in terms of Sec. 9 of Act XII/57. 18 persons were released in terms of Sec. 5 of Act XII/57. 117 persons were committed to prison and I male Juvenile was committed to the St. Philip Neri School. During the same period, 22 persons committed a breach of recognizance under the provisions of Sec. 9 of the Probation of Offenders Act 1957; while 22 persons under sixteen years of age were convicted. Fines were inflicted upon 6,234 persons while 902 were admonished and reprimanded. 63 persons under 16 years of age were referred to the Department of Social Services for investigation of family background. 10 persons over 16 years of age were also referred to this Departmen.t

8. *The Immigration Branch.* This Branch, which consists of the Central Executive Immigration Office at General Police Headquarters, the Seaport Immigration Office and the Airport Immigration Office, is responsible for the recording of arrivals and departures of persons comnig in and going out of Malta, besides dealing with all correspondence with the Immigration Division of the Office of the Prime Minister. 25,982 persons arrived by sea in Mata; while 366,121 persons arrived by air; 26,270 persons lefs Malta by sea while 372,450 persons left Malta by air, and 91,097 transitted from 1st April, 1976 to 31st March, 1977.

9. *Traffic* 80,336 vehicles of different make and type, including motor omnibuses, motor-cycles and invalid chairs were licensed by the Police during the period under review. This included 57,508 private cars. The question of public transport is being actively studied.

During the period under review, 18,660 Traffic Offence Tickets were issued by the Department.

10. *General Licence.* 238,045 licences, permits certificates, etc., were issued by the Police.

11. *Fire Brigade.* 366 fire calls were attended to by the Malta Police Fire Brigade.

12. *Property found.* Lost property found is delivered to the Police. 2,596 articles were reported lost. 625 articles were reported found and delivered to the Police and 106 articles were restored to owners.

13. From 1st April, 1976 to 31st March 1977, 260 prisoners were released from Civil Prisons after serving a term of imprisonment ranging from 15 days to 2 years, for different convictions.

## APPENDIX A

| NATURE OF OFFENCE | 1974 | 1975 | 1976 | 1977 |
|---|---|---|---|---|
| Breach of public order and peace | 1255 | 1601 | 1182 | 1048 |
| Pretended rights | 5 | 3 | 2 | — |
| Threats to public Officer, injuries etc. | 95 | 109 | 86 | 27 |
| Perjury, false swearing columnious accusations | 4 | 2 | — | 4 |
| Carnal knowledge, rape, indecent assault etc. | 11 | 39 | 15 | 15 |
| Wilful homicide | 3 | 4 | 5 | — |
| Bodily harm, grevious or slight injuries | 126 | 148 | 144 | 23 |
| Involuntary homicide or bodily harm | 2 | 5 | 6 | 10 |
| Theft | 99 | 514 | 161 | 167 |
| Fraud | 7 | 11 | 11 | 20 |
| Wilful damage to property | 28 | 37 | 29 | 10 |
| Received stolen property | 8 | 7 | 14 | 13 |
| Attempts to use force or used force against persons | 254 | 276 | 172 | 88 |
| Violations of property | 38 | 44 | 63 | 27 |
| Contraventions connected with streets (repairs, obstructions etc.) | 224 | 224 | 135 | 120 |
| Worked without mason's licence and contraventions effecting houses (Building) | 300 | 192 | 253 | 7 |
| Shopkeepers and/or traders without licence etc. | 236 | 271 | 290 | 59 |
| Sportmen without licence etc. | 4 | — | — | — |
| Shephers and/or goatherds without licence etc. | 7 | 3 | 2 | — |
| Cruelty to animals | 21 | 10 | 13 | — |
| Offences against the Food, Drugs and Drinking water Ordinance | 298 | 71 | 410 | 39 |
| Breaches of the Explosive Ordinance | 5 | 11 | 5 | 6 |
| Evasion of duty Customs Ordinace | 28 | 25 | 13 | 54 |
| Kept dog's without licence, etc. | 52 | 52 | 43 | 48 |
| Wireless Telegraphy | 46 | 21 | 16 | 10 |
| Compulsory School Attendance Offences | 1180 | 1677 | 1756 | 1326 |
| White Slave Traffic (lived wholly or in part on the earning of prostitution etc.) | 2 | 6 | 2 | 2 |
| Of Vehicles (registrations, test and other contraventions affected by cars, carts or other vehicles) | 18 | 63 | 18 | 2 |
| Forgery of public or private writing | 5 | 6 | 3 | 2 |
| Traffic Regulations Offences | 975 | 1210 | 3933 | 3197 |
| Kept arms proper without licence | 69 | 94 | 89 | 45 |
| Press Ordinance Offence (libel cases) | 4 | — | — | 1 |
| Buildings specifications not to Aesthetic Board standard | 45 | 51 | 62 | 71 |
| Closing hours of shops | 2 | 12 | 17 | 39 |
| Electoral Polling | — | — | — | 1 |
| Corruption of Players (Soccer) betting, public order in Sport-Ground | 9 | 9 | — | 4 |
| Aliens (landed in Malta without permission) | 13 | 11 | 3 | 5 |
| Litter Act Offences | 38 | 117 | 211 | 150 |
| Barmaids, artists, W. & S. shops regulations | 52 | 98 | 28 | 19 |
| Protection of birds | 1 | — | 2 | — |
| Theatres, Cinemas and places of entainment | — | 6 | 3 | 10 |
| Trespassing on War Department lands | — | 3 | — | — |
| Sale of Commodities (Control) Regulations | 298 | 964 | 717 | 1059 |
| Police licensing Regulations breaches of conditions of Police licences issued | 17 | 27 | 36 | 20 |
| Drug offences | 9 | 1 | 3 | 7 |

**tkompli minn p.9**

Il-priġunieri għandhom ukoll il-ħin liberu tagħhom u waqt dan il-ħin jiġu nkoraġġiti f'xi hobbies. Dan ċertament iservi l-ewwelnett bħala passatemp u jservi wkoll bħala tagħlim. Niftakar tajjeb li sa ftit żmien ilu kien hemm priġunier wieħed biss li jagħmel xogħol ta' skultura fil-ġebel (franka), illum tgħallmu aktar u jsir xogħol verament artistiku. Barra minn dan ix-xogħol, isir xogħol ieħor ta' Model Building bħal ngħidu aħna Dgħajjes ta' Malta, Kavallieri, Armi tar-Repubblika ta' Malta u l-'Crest' tal-Ħabs Kordin li jidhru fir-ritratt. Dawn huma magħmula mill-landa u njam. Waqt dan il-ħin liberu, jiġi organizzat wkoll sports bħal football u logħob ieħor.

Il-priġunieri għandhom ukoll il-faċilitajiet edukattivi. Il-parti l-kbira tal-priġunieri huma lliterati, iżda peress li xi wħud minnhom juru x-xewqa li jitgħallmu, inħasset il-ħtieġa li jsir programm edukattiv għall-benefiċċju ta' dawn il-priġunieri. Hemm ukoll librerija mnejn il-priġunieri jistgħu jissellfu kotba biex iqattgħu l-ħin liberu tagħhom.

RIFORMI FIL-ĦABS

Kif jafu ħafna, f'April u Mejju 1976 kien hemm rewwixti fil-Ħabs u għalhekk kellhom jittieħdu miżuri ħorox ħafna biex jinqatgħu l-abbużi darba għal dejjem. Dawn il-miżuri kienu temporanji għaliex il-Gvern minn dejjem kellu f'moħħu jerġa' jagħti bidu għar-riformi ġodda fil-Ħabs. Dawn ir-riformi ma jistgħux iseħħu jekk ma jkunx hemm rieda tajba u għajnuna anke minn naħa tal-ħabsin stess.

Barra mir-riformi li diġa' ssemmew, ġew introdotti diversi riformi oħra fosthom li l-priġunieri jingħalqu fiċ-ċellel tagħhom fl-10 ta' bil-lejl u jistgħu wkoll joqgħodu jaraw it-television sa dan il-ħin. Il-priġunieri ħarġu 'picnics' u passiġġati u anke marru jgħumu f'bajjiet differenti. Dan dejjem sar taħt superviżjoni. Hu l-ħsieb li dawn il-passi jibqgħu jittieħdu kif ukoll jitjiebu sakemm il-priġunieri jġibu ruħhom sewwa.

Dan l-aħħar ġie ntrodott ukoll sistema ta' xandir fil-Ħabs fejn jixxandru xi aħbarijiet dwar il-Ħabs u 'requests' ta' diski li jitolbuhom il-priġunieri u/jew il-familji tagħhom. Din is-sistema ta' xandir hija magħrufa bħala Radju Kordin.

Wara r-rewwixti li ssemmew, inħasset il-ħtieġa li bħala parti mis-sigurta' fil-Ħabs jinżammu klieb magħru'a bħala 'Prisons' Security Dogs' biex isiru patrols fuq in-naħa ta' barra tal-Ħabs. Dan ċertament iservi bħala deterrent għal dawk li jippruvaw jaħarbu.

B'dan l-artiklu ingħata tagħrif dwar il-Ħabs, x'riformi saru u nistgħu ngħidu li verament sar progress. Madankollu ma nixtieqx li tittieħed l-impressjoni li dan sar xi post sabiħ għaliex minn kif tidħol għandek titkexkex. Għaldaqstant il-ħsieb tiegħi mhux dak li nagħti xi stampa sabiħa tal-Ħabs, għaliex dan ma tista tagħmlu qatt dment li jibqa' post fejn in-nies jintbagħtu minħabba xi nuqqas, iżda m'hemm xejn ħażin billi wieħed ipoġġi 'frame' sabiħ fuq kwadru ikraħ. L-enfasi huwa fuq ir-riforma.

# NEW ZEALAND CHEDDAR CHEESE



*ASK FOR IT BY NAME*

**NEW ZEALAND CHEDDAR CHEESE**

# L ARMI TAL-PULIZIJA

*Minn WALTER CAMILLERI*

Fil-ħarġa ta' Ottubru ta' dan il-magazine għidna li xi darba nitkellmu fuq l-armi tal-pulizija ta' Malta. Dik il-wiegħda tit-wettaq illum, permezz ta' dan it-tagħrif. Imma biex dan it-tagħrif ikollu s-saħħa li jist-ħoqqlu, inwiegħed minn issa li nerġgħu niltaqgħu, biex nitkel-lmu ftit dwar il-buttuni tal-pu-lizija. Bejn armi u buttuni na-raw medda ta' żmien li ta' l-aħħar għamlet mingħajr ta' l-ewwel.

Qabel xejn irrid ngħid illi, qabel ma kellna l-Arma tagħna, kellna diġa' l-buttuni ta' l-uni-formi. Dawn huma ferm eq-dem. L-aktar ritratti antiki jix-hdu li qabel ma kienet l-arma kienu l-buttuni. Il-buttuni ak-tarx daħlu fi żmien il-mexxej tal-korp, Ch. Godfrey (1832/ 1844).

Illum ngħid xi ħaġa dwar x'sibt s'issa dwar l-armi sbieħ li kellha l-pulizija. Skond l-ar-ma l-Konslu, jgħid il-Malti. Na-fu min hu l-Konslu (il-pulizija) u issa niflu l-armi kollha tiegħu, sa mill-bidu.

Sejrin niltaqgħu ma sett me-raviljuż ta' ritratti t'armi u ftit huma dawk li għandhom il-kol-lezzjoni kollha ta' l-armi tal-pulizija ta' Malta. Hawnhekk nixtieq ninqeda b'dan it-tagħ-rif, biex nirringrazzja lis-Sur C. Debattista (Ex. P.C. 945) li tiegħu hi din il-kollezzjoni, u li silifni għal dan it-tagħrif.

Huwa nteressanti ħafna li ninnotaw li l-uniformi tal-puli-zija ta' Malta, kif nafuha llum, ma daħlitx sħiħa, imma biċċa biċċa. Minn meta twaqqfet il-pulizija fl-1814 sa ma daħlet il-beritta, kif nafuha illum, kie-nu għaddew bosta snin. Il-be-ritta ġiet introdotta fi żmien il-mexxej tal-korp, is-supreten-dent Capt. R. Casolani (1884/ 88).

Allura wieħed jistaqsa.. "X'kienu jilbsu l-Pulizija fuq il-beritta li għandna llum?" Minn ritratti qodma jirriżulta li kienu jilbsu elmu ta' kulur is-wed. Elmu iżgħar minn dak li għandna llum, u li jixbaħ ħafna lil dak tal-pulizija Ingliża. U terġa', qabel kellna beritta ċkejkna qiesa xi ornament, bħal dik li dehret f'paġna 17 fil-ħarġa ta' Ottubru 1977. Wa-ra l-Elmu iswed, fuq l-istess qisien ġew oħrajn bojod, sa wasalna għal dak li għandna llum, abjad ukoll.

Mela, dik il-beritta ċkejkna li kienet tintlibes bla arma tal-pulizija, u li kellha biss il-kliem Malta Police, kienet l-ewwel forma ta' għata tar-ras fl-uni-formi tal-pulizija, u dan qabel is-sena 1847. Wara din ingħata kif għidna, l-elmu iswed.

Għalhekk kien jenħtieġ li dak l-elmu jew aħjar il-Korp tal-Pulizija, bħala stituzzjoni ikollha l-arma proprja tagħha, u preċiżament kif jitlob li jkollu l-Konslu. Għalhekk saret l-ew-wel arma (badge) aktarx fi żmien Frederick Sedley li mex-xa l-korp bejn is-sena 1844/58.

Qiegħdin nirriproduċu sett ritratti ta' l-armi kollha li kellha sal-lum il-pulizija. Tajjeb li ngħidu li l-ewwel tlett armi huma kollha ta' l-elmu, għax kif għidna aktar 'il fuq, ma kienetx teżisti l-beritta.

Jekk niflu tajjeb l-ewwel żewġ ritratti naraw, illi jixxieb-ħu sewwa. Imma ngħidu li mhux l-istess. L-ewwel waħda, il-fond tas-salib ta' San Ġwann huwa ikkuskjat, filwaqt li tat-tieni ma hux. F'ta' l-ewwel, l-irkejjen tal-ponot tas-salib hu-ma bla ornament, fil-waqt li tat-tieni insibu disinn orna-ment żgħir. Il-kliem huma wkoll differenti, f'ta' l-ewwel insibu l-kliem "Malta Police Force" u fl-oħra insibu "Malta Police" biss. Il-Malta Police waħidha baqgħet tintuża fil-kumplament ta' l-armi.

Il-buttun tan-nofs ta' l-istess żewġ armi wkoll ma jaqblux. L-ewwel waħda għandha but-tun lixx u l-oħra għandha but-tun li għall-ewwel darba fl-ar-mi tal-pulizija, ġiet imposta l-arma Bandiera ta' Malta. Żewġ nofsijiet indaqs, wieħed dak li hu suppost l-abjad u l-ieħor l-aħmar.

Imbagħad għandna t-tielet arma. Fl-opinjoni tiegħi, l-ak-tar arma artistikament labo-rata, b'dettalji verament sbieħ. Arma li tindika ċerta serjeta. Minn din l-arma 'l quddiem insibu li ċ-ċirku li fih jinsab il-kliem Malta Police, minn din l-arma 'l hawn, jinbidel f'forma ta' ċintorin bil-bokkla. F'din l-











# The mild cigarette.

If you smoke it's more than likely that you're now thinking of changing to Silk Cut.

As Silk Cut tastes milder than the cigarette most of you will be used to smoking, we offer you this advice.

When you try Silk Cut, try them for two weeks.

In our experience that's how long it takes to appreciate the smooth, mild but satisfying taste of Silk Cut.

There is a range of Silk Cut brands, Silk Cut Number 1, King Size and new International length.

So whichever Silk Cut brand you choose, try them for two weeks.




## Silk Cut. The mild cigarette.

SILK CUT CIGARETTES are exclusively represented by CHARLES GRECH & CO. LTD. 10, Republic Street, Valetta. Tel: 47143, 624430, 29883.





arma, bħal l-armi l-oħra kollha, jiddomina fiha b'mod sabiħ, is-salib ta' San Ġwann bi tmien ponot.

Minn issa 'l quddiem niltaqgħu ma' armi li kienu jintlibsu fil-beritta wkoll. F'dan iż-żmien li daħlet il-beritta (1884/88). Mela minn issa 'l quddiem insibu żewġ qisien ta' armi, waħda għall-elmu kbira u oħra ftit iżgħar għall-beritta.

Ir-raba' arma hi grazzjuża ħafna. Qisha xi medalja li tintlibes fuq is-sider bħala dekorazzjoni. Din kienet l-ewwel arma b'żewġ qisien.

Il-ħames arma hi forma ta' scudo (shield). Assolutament ma għandha x'taqsam xejn mas-sett. Is-sett kollu, minbarra din, huwa stil vittorjan. Din l-arma daħlet fl-użu aktarx fi żmien is-Sur T. Curmi (1903/15), u dan għaliex inbidel l-istil tal-arma wara l-mewt tar-Reġina Vittorja. Ritratt ta' pulizija b'din l-arma nippubblikawh aktar 'il quddiem. Ta' min jgħid li din l-arma kienet tal-fidda, kif jidher mir-ritratt.

Is-sitt arma. Din kienet biss arma ta' l-elmu. Arma sabiħa ferm, li tagħmel ġieħ mhux biss lill-pulizija imma lil min għamilha. Ta' min jgħid illi din l-arma hi sewda u tintlibes fuq elmu iswed biss. Kienet din l-arma li saddet l-aktar u li aktar tard iċċekknet jew aħjar immodifikat ruħha, biex tiġi addattata għal fuq l-elmu li għandna ilium u sussegwentement għal fuq il-beritta b'qies iżgħar. Din l-arma (is-sitt waħda) intużat biss fuq elmu iswed u aktar tard intużat u għadha tintuża bħala ornament, fuq il-faldrappa ċerimonjali taż-żwiemel tal-kavallerija.

Tajjeb li wieħed jgħid li, bejn wieħed u ieħor, id-disinn sabiħ li għandha fin-naħa ta' isfel, jixbaħ xi ftit lil dak tat-tielet arma. L-istil artistiku baqa'. Ninnotaw b'interess illi, din l-arma fiha inkluż il-motto tal-pulizija ta' Malta, "Domine Dirige Nos". Għandha qisien eċċellenti u preċiżi.

Minn din l-arma ħarġet l-arma l-oħra, is-sebgħ awaħda. Insibu li fi żmien il-kummissarju s-Sur S. Galea (1928/39), l-arma tal-pulizija reġgħet inbidlet. Bejn is-sitta u s-sebgħa arma, għalkemm fis-sustanza huma l-istess, hemm l-ornament nieqes, u żdiedet il-bokkla u ċ-ċintorin. Fid-disinn tan-nofs din l-arma li tiġbor fiha dik ta' l-elmu u beritta għamlet l-itwal żmien fl-użu.

Fl-1969 fi żmien is-Sur V. de Gray, inqatgħet il-kuruna minn fuq l-arma. Ta' minn jinnota li l-armi kollha jġibu l-kuruna bil-Fleur-de-lys, li tirrappreżenta' l-Imperu Ingliż. Bil-qtugħ tal-kuruna wasalna għat-tmiem tal-kuruna wasalna għat-tmien arma. Dan il-qtugħ tal-kuruna kien konsegwenza ta' avveniment politiku li Malta kellha fl-1964 — L-Indipendenza. Wara ħafna suġġerimenti, proposti u disinji biex tinbidel l-arma tal-pulizija u tingħata xi forma oħra, ir-riżultat mixtieq ma ntlaħaqx. Ġie deċiż għalhekk, li l-arma tibqa' li hemm imma, bla kuruna. Il-kuruna kif għidna tirrappreżenta l-ħakma ta' l-Imperu Ingliż — (1800/1964).








**tkompli f'p.20**




**Call us and find out about our SPECIAL ONE WAY and RETURN FARES**



ALPINE HOLDINGS LIMITED

**ALPINE TRAVEL**
Bisazza Street,
Sliema, Malta
Tel: 37421, 35249

**ALPINE... The NATURAL CHOICE.**

# 2000
# 1995
# 1990
# 1985
# 1980

The future!

How very often do you think of the future? Your own future. Your family's future.

There can be better prospects for you and your family. Provided you are fully prepared.

A savings account with Mid-Med Bank gives you confidence and peace of mind.

**Mid-Med Bank Limited, Head Office: 233 Republic Street, Valletta. 38 Branches in Malta and Gozo.**

**THE FUTURE IS YOURS WITH**

Mid-Med Bank

# PAGNA SPORTIVA

## MIS-SURĠENT ALFRED DEBATTISTA

### FOOTBALL

Wara l-ewwel fażi ta' preparament li kienet tikkonsisti f'taħriġ fiżiku mis-Surġent Alex Barberi u dak tekniku minni, kif ukoll serje ta' logħbiet ta' ħbiberija, it-team tagħna kellu l-ewwel logħba kompetittiva fil-kompetizzjoni "Football għal Kulħadd" meta, fi grupp "N", erbaħna lit-team tal-PWD/DOE (V'iosa) bl-iskor ta' 4—0. Din il-logħba saret fil-ground tal-RAF Luqa, nhar il-Ħamis, l-1 ta' Diċembru. Fi tmiem l-ewwel half kellna vantaġġ ta' żewġ goals skurjati minn Degabriele u Grech. Fit-tieni taqsima żidna żewġ goals oħra minn Sammut u Mizzi u anke fallejna penalty. Kollox magħdud, din il-logħba tatna sodisfazzjon u wriet li t-team tagħna kien ippreparat tajjeb kemm fiżikament kif ukol teknikament u żgur konna superjuri għall-avversarji.

It-team tagħna lagħab f'din il-formazzjoni:—

Grima; Desira, Sammut (1199); Zammit, Bonnici, Camilleri (453); Buttigieg, Mallia, Grech, Sammut, Degabriele. Fit-t eni taqsima, Mizzi ħa post Buttigieg u Bunce ħa post Zammit.

Fil-ħarġa l-oħra kont għidt li l-ewwel logħba tagħna suppost kellha tkun nhar il-15 ta' Novembru kontra l-Malta Hotels iżda din kienet ġiet posposta għat-23 ta' Jannar minħabba żżjara ta' Coventry. Għall-informazzjoni tal-qarrejja, il-logħob kollu tat-team tagħna, fi grupp "N" huwa dan:—

1. Il-Ħamis, 1 ta' Diċembru 1977 (RAF Luqa) kontra PWD/DOE ...... 4—0
2. Il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru 1977 (Marsa) kontra Education Dept.
3. Il-Ħamis, 29 ta' Diċembru 1977 (Sta. Lucia) kontra Malta Shipbuilding.
4. Il-Ħamis, 17 ta' Jannar, 1978 (Sta. Lucia) kontra Pioneer Corps.
5 It-Tnein, 23 ta' Jannar, 1978 (MCAST) kontra Malta Hotels.

Sakemm taslilkom din il-ħarġa, inkunu lagħbna l-ewwel tlett logħbiet u nispera li nkunu diġa' għamilna pass 'il quddiem biex ngħaddu minn dan il-grupp.

### DISTRICT LEAGUE

Ħafna qed jistaqsu dwar il-league tal-Football Distrettwali. Il-fatt li għadu ma sar xejn kien dovut biss għal ħafna ħin mihud fir-rehearsals tal-parati, korsijiet u xogħol ieħor li minħabba fih ma kellniex garanzija li konna nibdew u nkomplu. Nispera li sakemm taslilkom din il-ħarġa jkunu ssejħu d-delegati tad-Distretti biex isir dak li hemm bżonn ħalli dan il-league jinbeda.

### BODYBUILDING

Għalkemm ma tantx jissemma fost il-membri tagħna daqs sport ieħor, dan l-isport huwa wkoll popolari u għandna membri li jistgħu jikkompetu b'suċċess. Fost dawn hemm Anthony Camilleri, George Abela u oħrajn. L-aktar li naf mill-viċin, u li qed jittrenja huwa George Abela, stazzjonat il-Belt. Nittama li ma jdumx ma jasal il-waqt illi kemm George kif ukoll membri oħra jikkompetu f'Contests tal-BodyBuilding f'isem il-Korp. F'ħarġa oħra beħsiebni nagħti xi tagħrif dwar membri li jipprattikaw kemm dan l-isport u oħrajn, anke birritratti. Din tkun bidu ta' rubrika ta' profili sportivi. Nistieden lil min huwa dilettant sewwa ta' kull għamla ta' sport biex javviċinani bil-materjal li għandu.

### BASKETBALL

Kellmuni aktar membri li jinteressaw ruħhom fil-logħba tal-Basketball. Naf li hemm ħafna membri midħla ta' dan l-isport. Nistenna li dawn jingħaqdu biex ma ndumux ma jkollna t-team tagħna. Nistgħu noffru lil dawn id-dilettanti, l-użu tal-Lecture Room għal taħriġ fiżiku u possibbli wkoll li nipprovdu l-użu ta' Court għal "practice". Jekk isir il-bidu minn dawk interessati, żgur li sa fl-aħħar it-team jingħaqad.

Dak li għidna dwar l-isport fuq imsemmi jgħodd ukoll għal kull sport ieħor. Wisq nibża' pero', li mhux dejjem ikun possibbli li jinstab ħin għal ħafna mill-isports mixtieq minħabba l-ħafna korsijiet li għaddejjin bħalissa u n-nuqqas ta' Strength. Ix-xogħol tagħna huwa vast u biex isir xi ħaġa konkreta f'dan il-qasam irid ikun hemm ħeġġa u dedikazzjoni minn ħafna membri u mhux wieħed jew tnejn tas-soltu.



# A TOURIST ASKS

## THE UPPER BARRACCA

The Upper Barracca dates back to 1661 when part of the garden was covered. The roof, it is said, was removed in 1775 when it was discovered that the spot had been used by conspirators involved in what has become known as the "Revolt of the Priests". This aimed at the overthrow of Grand Master Ximenes and was led by one Don Gaetano Mannarino, who was subsequently imprisoned for life but released by Napoleon in 1798.

Among the memorials at the Upper Barracca are those of Vice-Admiral Sir Thomas Fremantle (1765-1819) a close associate of Nelson. The Australian port of Fremantle is named after his cousin, Admiral Sir Charles Fremantle, and his grandnephew, General Sir Arthur Fremantle, was Governor of Malta in 1893-99.

Also here is a memorial to Sir Thomas Maitland, Governor of Malta from 1813 to 1824; and Lord Strickland, Count della Catena, one-time Governor of New South Wales and Western Australia and Prime Minister of Malta from 1927 to 1933.

In the left-hand corner of the Barracca gardens is Les Gavroches, a dynamic group suggested by an incident in Victor Hugo's Les Miserables. It is one of the most important works of the distinguished Maltese sculptor Antonio Sciortino. In 1951, the sculptor's small bronze model was presented to the Queen by the Prime Minister of Malta.

The latest addition to the monuments of the Upper Barracca is a bronze bust of Winston Churchill (the work of Vincent Apap) presented to Sir Winston in 1955 by the people of Malta.

**(From 'Tourist Guide to Malta and Gozo' by J. Manduca.)**

## LILL-ISPETTURI L-ĠODDA NSELMULHOM U NIXTIEQULHOM SUĊĊESS

Fix-xahar ta' Novembru, 1977 ħareġ ir-riżultat tal-eżami tal-Ispetturi fejn għaddew sitt kandidati (tlieta huma membri tal-Korp u tlieta mill-eżami li kien miftuħ għall-membri barra l-Korp ukoll).

L-Association bi pjaċir tinnota li għall-ewwel darba, l-Kuntistabbiljiet kellhom iċ-ċans jersqu għal dan l-eżami flimkien mas-Surġenti u l-Maġġuri.

Dawk li għaddew mill-Korp huma:

**Joseph Psaila (P.C. 368), Anthony Borg (P.S. 908), Joseph Cachia (P.C. 210).**

Minn dawn il-membri tal-Korp wieħed bi pjaċir jinnota li J. Psaila kien fil-Kumitat Ċentrali tal-Kuntistabblijiet tal-Association u s-Surġent A. Borg kien is-Segretarju tas-Surġenti s-sena l-oħra.

Dawk il-kandidati li għaddew minn barra l-Korp huma:

**Mario M. Tommasi, Angelo Lino Farrugia, Joseph Said.**

Lil dawn is-sinjuri aħna nselmulhom u għalkemm ftit nafuhom inwegħduhom il-koperazzjoni tagħna.

Lil dawk il-kandidati li ma rnexxilhomx jgħaddu din iddarba nixtiequlhom suċċess 'il quddiem.

tkompli minn p.15

Fl-opinjoni tiegħi din l-arma, dik li għandna bħal issa, ġiet sfigurata, għax l-arma oriġinali, jiġifieri dik numru sebgħa, kienet maħduma proporzjonalment tal-qies. Issa bil-qtugħ tal-kuruna intilef il-proporzjon. Xorta waħda b'dan kollu baqgħet bħal ta' qabilha kollha, tindika l-awtonomija u l-indipendenza tal-korp.

Din hi l-familia ta' l-armi tal-pulizija ta' Malta. Armi artistikament sbieħ, li kif għidna aktar 'il fuq, żammew il-libsa proprja u indipendenti tagħhom u tal-korp.

Qabel intemm dan it-tagħrif nixtieq niskuża ruħi għal ċerti inċertezzi f'dati, bħal meta wżajt il-kelma "aktarx". Dan hu tagħrif preliminarju. Nieħu gost jekk min għandu xi tagħrif jiktbilna.



